MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2013

Numru 269/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs.**

**John Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **John Borg**, iben Victor u Rose neé Galea, imwieled fil-25 ta' Lulju 1973, gewwa Hat-Attard, u li joqghod 330, Triq il-Kbira, Qormi, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 350473(M), akkuzat talli:

1. nhar l-24 ta' Frar 2013 filghodu gewwa 330, Triq il-Kbira, Qormi u f'dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Shirley Ann Saliba u/jew

persuni ohra, hekk kif iccertifika Dr. Chris Muscat Med. Reg. Nru. 1439;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna biza’ lil Shirley Ann Saliba li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ taghha.
Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li tinhareg ordni ta’ protezzjoni fil-konfront ta’ Shirley Ann Saliba *ai termini* tal-Artikolu 412 tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-*parte civile* Shirley Ann Saliba tiddikjara li kienet qed taghzel li ma tixhidx fil-konfront tal-imputat u li kienet qieghda tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Semghet, fis-seduta tallum, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur rigward l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tieghu f’dawn il-proceduri u kif ukoll il-fatt li Shirley Ann Saliba rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215, 216(1)(d) u 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq

ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat minn Shirley Ann Saliba fis-seduta tallum rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi applikat Artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u in segwitu tal-fatt li l-istess Shirley Ann Saliba rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tichad it-talba ghal hrug ta' ordni ta' protezzjoni.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------